Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1348/2000/1

**Is-socjeta' kummercjali Malta International Airport p.l.c.**

**vs**

**Chev. Joseph M. Scicluna u Anthony sive Tony Mamo f'isimhom proprju ezercenti l-kummerc fl-isem id-ditta Universal Group of Companies; u s-socjeta' kummercjal Universal Commerce Agency Company Limited rapprezentata mill-istralcjarji taghha l-Avukat Dottor Andrew Chetcuti Ganado u Raphael Aloisio.**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socejta' attrici li in forza taghha, wara li ppremettiet:

1. Illi kif jidher mir-rendikont hawn anness u markat Dokument JSD1, il-konvenuti jew min minnhom ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, tminn mija hamsa u sittin liri Maltin (LM5,865) ghal sentejn kera ta' *`external advertising billboard'* u spazzji ohra ghar-riklamar fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, skond il-ftehim datat tmienja (8) ta' Ottubru, 1998, kopja hawn annessa u mamrkata Dokument JSD2;

2. Illi ghalkemm is-socjeta' attrici interpellat il-konvenuti jhallsu dan l-ammont dovut, il-konvenuti xorta baqghu inadempjenti u dan minkejja l-ittra ufficjali datat 3 ta' Marzu, 2003;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom, in solidum jew mod iehor, ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, tminn mija hamsa u sittin liri Maltin (Lm5,865) ghal sentejn (2) kera ta' *`external advertising billboard'* u spazzji ohra ghar-riklamar fl-ajruport internazzjonali ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, in solidum jew mod iehor, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, tminn mija hamsa u sittin Liri Maltin (LM5,865.00);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tas-sekwestru fl-ismijiet premessi prezentat kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha li in forza taghha ecceppew illi:

1. Preliminarjament in kwantu l-azzjoni hija diretta kontra l-konvenut Joseph M. Scicluna u Anthony

sive Tony Mamo f'isimhom proprju esercenti l-kummerc fl-isem id-ditta Universal Group of Companies, din l-azzjoni hija nfundata fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess konvenuti la jesercitaw il-kummerc f'isimhom proprio u lanqas bl-isem ta' Universal Group of Companies, u kwindi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-konvenuti Joseph Scicluna u Anthony sive Tony Mamo u s-socjeta' attrici;

2. Illi in kwantu diretta kontra s-socjeta' Universal Commerce Agency Company Limited l-azzjoni hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-kuntratt datat 8 t'Ottubru 1998 m'ghadux vigenti bejn il-partijiet kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2002, li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Scicluna u Mamo u ddikjarat li huwa m'humiex il-kontraditturi legittimi tal-pretensjonijiet tal-kumpanija attrici, u helsithom milli jibqghu izjed fil-kawza, bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija bazata fuq ftehim milhuq bejn is-socjeta' attrici u s-Sur Tony Mamo f'isem il-Universal Group of Companies. Dan il-ftehim, imsejjah Advertising Contract, gie ffirmat fit-2 ta' Ottubru, 1998, u in forza tieghu s-socjeta' attrici, bhala li ghandha l-*management* u l-amministrazzjoni tat-Terminal tal-ajruport internazzjonali ta' Malta, ikkoncediet lis-socjeta' konvenuta l-fakolta' li taghmel uzu minn *external advertising bill board* hdejn ir-

*reserved car park* ta' hdejn id-*departure block,* kif ukoll li tesponi ghall-pubbliku mudelli ta' vetturi fi spazju rizervat ghaliha fil-*Welcome Hall*. Is-socjeta' konvenuta kienet agenta lokali tal-vetturi tal-marka "Daewoo", u dan il-ftehim sar sabiex l-istess socjeta' tirreklama l-karozzi li taghhom kienet agenti u distributrici hawn Malta. Dan il-ftehim kien ghall-perjodu ta' tlett snin, u l-hlas patwit kien wiehed globali ta' Lm7,650 ghad-durata tal-kuntratt. Is-socjeta' konvenuta, milli jidher, ghamlet pagament akkont, u fadal x'jithallas bilanc ta' LM5865. Id-difiza tas-socjeta' konvenuta fil-meritu hija li dan il-kuntratt kien gie terminat u ma baqax vigenti.

Illi bis-sentenza preliminari li kienet tat din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2002, il-konvenuti Chev. M. Scicluna u Anthony sive Tony Mamo gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, u gie konfermat li, allura, il-legittimu kontradittur tat-talba attrici kienet, fil-fatt, is-socjeta' konvenuta, l-Universal Commerce Agency Company Limited, il-kumpanija li isufruwixxiet mill-ispazju ghar-reklami koncess.

Din is-socjeta' konvenuta qed tibbaza d-difiza taghha fuq il-fatt li, b'ittra tas-16 ta' Gunju, 1999, hija nfurmat lis-socjeta' attrici *"of our decision to cancel this agreement"*. Skond rapprezentant tas-socjeta' attrici, din l-ittra qatt ma waslet ghand il-kumpanija attrici.

Fil-fehma tal-Qorti, mhux daqshekk important jekk dik l-ittra wasletx jew le f'idejn is-socjeta' attrici, u dan peress li, f'kull kaz, il-kuntratt ma jistax jithassar unilateralment. Anke jekk dik l-ittra waslet f'idejn is-socjeta' attrici ma jirrizultax li s-socjeta' attrici qatt accettat li tittermina l-kuntratt. Kif jistupula l-artikolu 992(2) tal-Kodici Civili, kuntratti "ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi", u ghalkemm il-kunsens jista' jkun wiehed tacitu, dan irid jirrizulta minn fatti li minnhom tkun tista' tigi dezunta il-volonta' preciza li d-dritt qed jigi abbandunat, u dawk il-fatti jridu jkunu assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt ("Sammut vs Azzopardi", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 1993).

F'dan il-kaz, ma jezistu ebda cirkustanzi li jindikaw li s-socjeta' attrici accettat li twaqqaf il-kuntratt, u, anzi, l-fatt li baqghet tinsisti ghall-hlas kollu dovut, jaghti wiehed x'jifhem li s-socjeta' attrici, fil-fatt, ma accettatx li tittermina l-kuntratt u baqghet tinsisti ghall-ezekuzzjoni tieghu.

Anke jekk is-socjeta' attrici injorat dik l-ittra, is-silenzju taghha fir-rigward ma jfissirx li accettat it-terminu tal-istess ittra. Kif intqal fil-kawza ingliza "Atari vs Electronics Boutique", 1998 1 All ER 1010, analizzata fil-Modern Law Review (Vol.61 no 3), "*It is a basic rule of contractual formation that an offeror may not impose silence as a deemed mode of acceptance, and consequently a contractual offer does not have to be rejected, ie an offeree should not be put at risk by the offeror's unilateral imposition of silence as acceptance".* Dan il-principju japplika *multo magis* meta ssir talba biex kuntratt jithassar, u aktar u aktar fis-sistema lokali taghna li tinsisti li l-kunsens, biex ikun validu, jrid jirrizula li jkun l-espressjoni tal-volonta' ta' dak li jkun, anke meta jigi dezunt mic-cirkostanzi.

Il-kuntratt bejn il-partijiet ma jikontemplax terminazzjoni unilaterali tieghu da parti tal-*advertiser*, u dan, la dahal f'kuntratt, irid jonora t-terminu u l-kundizzjonijiet tieghu saz-zmien indikat u patwit fuq l-istess kuntratt. Anke jekk is-socjeta' konvenut naqset milli tisufruwixxi mill-opportunitajiet konnessi liha bil-ftehim, dan ma jintitolahiex ma thallasx l-ammont miftiehem. L-ispazju ta' reklam tqieghed ad disposizzjoni taghha skond il-ftehim, u l-hlas relattiv irid isir (ara, per ezempju, l-kawza "Sommers noe vs Fountain", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta' Gunju, 1980, fejn koppja li kellha a disposizzjoni taghha *labour room* fi sptar, kellha xorta wahda thallas ghall-kamra li ordnat, avvolja ma ghamlitx uzu mill-istess kamra; il-kawza "Ellis noe vs Testa", deciza mill-istess Qorti fl-14 ta' Novembru, 2002, fil-kuntest ta' genituri li ma baghtux lil binhom fl-iskola fejn irregistrawh u fejn, allura, kien hemm post disponibbli ghalih, u li kellhom, ghalhekk, ihallsu xorta wahda l-mizata dovuta lill-iskola; u l-kawza "Camilleri et noe vs Grima et noe", deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Gunju, 2003, fejn fil-kuntest ukoll ta' reklam,

gie osservat li *"La darba l-ispazju kien gie prenotat, dan ma setax jigi kancellat u, ghalhekk, l-ammont imhallas ma kienx rifondibbli."* )

Il-principju *pacta sunt servanda* huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat. Ma jirrizultax li s-socjeta' attrici naqset mill-obbligi taghha, u s-socjeta' konvenuta ghandha, ghalhekk, tonora taghha u thallas l-ammont miftiehem.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet indikati, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront biss tas-socjeta' konvenuta, l-Universal Commerce Agency Company Limited, u tikkundanna lil din is-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' hamest elef tminn mija u hamsa u sittin Liri Maltin (Lm5,865) bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Novembru, 2000 (id-data li fih kellu jsir it-tielet u l-ahhar pagament), sal-gurnata tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, hlief ghal dawk relatati mad-decizjoni preliminari tat-12 ta' Lulju, 2002, jithallsu mis-socjeta' konvenuta Universal Commerce Agency Co. Ltd.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------